Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-3 ta' Marzu 2016[1]

**Kawża C-351/14**

**Estrella Rodríguez Sánchez**
**vs**
**Consum Sociedad Cooperativa Valenciana**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social no 33 de Barcelona (tribunal industrijali Nru 33 ta' Barcelona, Spanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2010/18/UE u l-Ftehim Qafas irrevedut dwar il-leave parentali — Talba ta' membru ħaddiem meta jirritorna mil-leave parentali intiża għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol tiegħu — Punt 2 tal-klawżola 1 — Kunċett ta' 'ħaddiem' — Punt 2 tal-klawżola 8 — Kunċett ta' 'tnaqqis tal-livell ġenerali ta' ħarsien mogħti lill-ħaddiema' — Punt 1 tal-klawżola 6 — Eżami tat-talba u risposta mill-persuna li timpjega — Rekwiżiti f'termini ta' traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali — Eventwali effett dirett orizzontali fil-każ ta' nuqqas ta' traspożizzjoni jew fil-każ ta' traspożizzjoni inkorretta"

## I – **Introduzzjoni**

1. Ir-rinviju preliminari preżenti, li ġie indirizzat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-Juzgado de lo Social n° 33 de Barcelona (tribunal industrijali Nru 33 ta' Barcelona, Spanja), jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2010/18/UE[2], li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri [leave parentali] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas irrevedut").

2. Il-proċedura fil-kawża prinċipali għandha bħala oriġini talba għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol ta' membru ħaddiem ta' kooperattiva.

3. Il-qorti tar-rinviju tixtieq, b'mod partikolari, issir taf jekk ir-relazzjoni eżistenti bejn membru ħaddiem ta' kooperattiva u din tal-aħħar tikkostitwixxix kuntratt ta' xogħol jew relazzjoni ta' xogħol fis-sens tal-punt 2 tal-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas irrevedut, u, jekk dan huwa l-każ, jekk membru ħaddiem għandux id-dritt li jibbenefika, meta jirritorna minn "leave tal-maternità", minn aġġustament fil-ħinijiet u fir-ritmu tax-xogħol tiegħu fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 6 ta' dan il-ftehim qafas.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, tat-8 ta' Marzu 2010, li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri [leave parentali] konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (ĠU L 68, p. 13)

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2010/18 jipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva jew għandhom jiżguraw li l-imsieħba soċjali jkunu introduċew il-miżuri meħtieġa permezz ta' ftehim sa mhux aktar tard mit-8 ta' Marzu 2012. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan".

5. Il-preambolu tal-Ftehim Qafas irrevedut li jidher fl-Anness tad-Direttiva 2010/18 jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li "[d]an il-Ftehim Qafas [...] jirrevedi l-Ftehim Qafas dwar il-leave tal-ġenituri, konkluż fl-14 ta' Diċembru 1995, li jistipula r-rekwiżiti minimi dwar il-leave tal-ġenituri [anness mad-Direttiva 96/34/KE [3]], bħala mezz importanti ta' konċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet professjonali u dawk tal-familja u li jippromwovi opportunitajiet indaqs u trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa".

6. Il-punti 3, 15 u 21 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Ftehim Qafas irrevedut jipprovdu:

"3. Wara li kkunsidraw il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000 u l-Artikoli 23 u 33 tagħha dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u tal-familja;

[...]

15. Billi dan il-ftehim huwa ftehim qafas li jistabbilixxi rekwiżiti minimi u dispożizzjonijiet għal-leave tal-ġenituri, kif distint mil-leave tal-maternità, u minn ħin frank mix-xogħol abbażi ta' forża maġġuri, u jirreferi lura għall-Istati Membri u l-imsieħba soċjali għat-twaqqif ta' kondizzjonijiet għall-aċċess u modalitajiet ta' applikazzjoni biex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni f'kull Stat Membru;

[...]

21. Bil[l]i l-aċċess għal arranġamenti flessibbli tax-xogħol jagħmilha aktar faċli għall-ġenituri li jikkumbinaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-ġenituri u jiffaċilita r-reintegrazzjoni fix-xogħol, speċjalment wara r-ritorn mil-leave tal-ġenituri;

[...]"

7. Intitolata "Għan u kamp ta' applikazzjoni", il-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas irrevedut tiddikjara, fil-punt 2 tagħha, li "[d]an il-ftehim japplika għall-ħaddiema kollha, irġiel u nisa, li għandhom kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' xogħol kif definit mil-liġi, [minn] ftehim kollettiv u/jew [minn] prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru".

8. Il-punt 1 tal-klawżola 2 tal-Ftehim Qafas irrevedut jipprovdi li "[d]an il-ftehim jagħti lill-ħaddiema rġiel u dawk nisa d-dritt individwali għal leave tal-ġenituri għar-raġuni ta' twelid jew adozzjoni ta' wild biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb il-wild sal-età li tista' tkun ta' tmien snin li għandha tiġi definita mill-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali".

3 — Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE, tat-3 ta' Ġunju 1996, dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri [leave parentali] konkluż mill-UNICE, CEEP u ta' ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285).

9. Il-punt 1 tal-klawżola 3 tal-Ftehim Qafas irrevedut jipprovdi:

"Il-kondizzjonijiet tal-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-leave tal-ġenituri għandhom ikunu definiti mil-liġi u/jew bi ftehim kollettiv fl-Istati Membri, sakemm ir-rekwiżiti minimi ta' dan il-ftehim ikunu mħarsa. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu, b'mod partikolari:

a) jiddeċiedu jekk il-leave tal-ġenituri jingħatax fuq bażi full-time jew part-time, b'mod frammentat jew b'sistema ta' kreditu ta' ħin, b'konsiderazzjoni għall-bżonn kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema;

[...]"

10. Il-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut, intitolata "Ritorn lejn ix-xogħol", jipprovdi:

"Biex issir aktar promozzjoni għal rikonċiljazzjoni aħjar, l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ħaddiema, meta jirritornaw mil-leave tal-ġenituri, ikunu jistgħu jitolbu bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet u/jew fl-arranġamenti tax-xogħol tagħhom għal perijodu stipulat ta' żmien. Min iħaddem għandu jikkunsidra u jirrispondi għal dawn it-talbiet, b'konsiderazzjoni kemm għall-bżonnijiet ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiem.

Il-modalitajiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ddeterminati skont il-liġi, ftehim kollettiv u/jew prattika nazzjonali."

11. Il-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas irrevedut tipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw jew jintroduċu disposizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk stabbiliti f'dan il-ftehim.

2. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim m'għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' ħarsien mogħti lill-ħaddiema fil-qasam kopert minn dan il-ftehim. Dan m'għandux jippreġudika d-dritt tal-Istati Membri u/jew tal-imsieħba soċjali li jiżviluppaw dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew kuntrattwali differenti, fid-dawl ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi (inkluża l-introduzzjoni tan-nuqqas ta' trasferibbiltà), sakemm ir-rekwiżiti minimi previsti f'dan il-ftehim ikunu mħarsa.

[...]

4. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mad-deċiżjoni tal-Kunsill f'perijodu ta' sentejn mill-adozzjoni tagħha jew għandhom jiżguraw li l-imsieħba soċjali jintroduċu l-miżuri meħtieġa permezz ta' ftehim sa tmiem dan il-perijodu. [...]

[...]"

B – *Id-dritt Spanjol*

12. Il-qorti tar-rinviju tindika li d-Direttiva 2010/18 ma tatx lok għal miżuri speċifiċi ta' traspożizzjoni fl-ordinament ġuridiku Spanjol. Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tippreċiża li r-Renju ta' Spanja nnotifikaha li t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2010/18 kienet diġà żgurata mid-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/1995 li japprova t-test ikkodifikat tal-Liġi dwar l-Istatut tal-Ħaddiema (Real Decreto Legislativo 1/1995 por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Estatuto de los Trabajadores), tal-24 ta' Marzu 1995 (BOE Nru 75, tad-29 ta' Marzu 1995, p. 9654, iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Ħaddiema").

1. L-Istatut tal-Ħaddiema

13. Skont l-Artikolu 1(1) tal-Istatut tal-Ħaddiema:

"Din il-liġi tapplika għall-ħaddiema li jagħtu s-servizzi tagħhom volontarjament b'remunerazzjoni fl-interess ta' ħaddieħor fil-kuntest tal-organizzazzjoni u taħt id-direzzjoni ta' persuna fiżika jew legali oħra msejħa l-persuna li timpjega jew l-imprenditur. [...]"

14. Id-dikjarazzjoni tal-motivi tal-Liġi 39/1999, intiża sabiex tippromwovi l-konċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali tal-ħaddiema (Ley 39/1999 para promover la conciliación de la vida familiar y laboral de las personas trabajadoras), tal-5 ta' Novembru 1999 (BOE Nru 266, tas-6 ta' Novembru 1999, p. 38934), fiha, b'mod partikolari, il-preċiżazzjonijiet li ġejjin:

"[...] fil-kamp Komunitarju, il-maternità u l-paternità, fis-sens l-iktar wiesa' tagħhom, huma evokati fid-Direttivi [92/85/KEE[4] u 96/34]. L-ewwel waħda tirrigwarda l-maternità mill-perspettiva tas-saħħa u tas-sigurtà fuq ix-xogħol tal-ħaddiema tqal, dawk li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu. It-tieni, li tirrigwarda l-Ftehim qafas dwar il-leave parentali konkluż mill-UNICE, CEEP u ta' ETUC, tipprevedi l-leave parentali u l-assenza mix-xogħol minħabba raġunijiet ta' forza maġġuri bħala mezzi importanti għall-konċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja tal-familja u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza fl-opportunitajiet u fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa.

Il-liġi preżenti tiżgura t-traspożizzjoni fid-dritt Spanjol tal-linji gwida stabbiliti mil-leġiżlazzjoni internazzjonali u Komunitarja billi tmur lil hinn mil-livell minimu ta' protezzjoni stabbilit f'dawn il-linji gwida [...]"

15. Wara l-emendi li saru fl-Istatut tal-Ħaddiema mil-Liġi 39/1999, l-Artikolu 37(5) u (6) tiegħu jipprovdu:

"5. Kull min jieħu ħsieb direttament, minħabba raġunijiet ta' kustodja legali, minuri ta' inqas minn sitt snin jew persuna b'diżabbiltà fiżika, mentali jew sensorjali li ma teżerċitax attività b'remunerazzjoni, huwa intitolat għal tnaqqis fil-ħin tax-xogħol tiegħu ta' mhux inqas minn terz u ta' mhux iktar minn nofs il-ħin tax-xogħol tiegħu, bi tnaqqis proporzjonat tas-salarju. [...]

6. L-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol konkreti u d-determinazzjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni [...] tat-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol, previst [fil-paragrafu 5] ta' dan l-artikolu, jaqgħu fuq il-ħaddiem fil-kuntest tal-ħin tax-xogħol ordinarju tiegħu. Il-ħaddiem għandu javża lill-imprenditur 15-il ġurnata qabel id-data li fiha ser jerġa' jibda bir-ritmu ta' xogħol normali tiegħu."

16. Il-Liġi 39/1999 fiha "dispożizzjoni addizzjonali prinċipali" li tipprovdi:

"Jistgħu jużaw il-vantaġġi stabbiliti f'din il-liġi l-membri ħaddiema jew il-ħaddiema assoċjati f'kooperattivi kif ukoll il-ħaddiema ta' soċjetajiet ta' ħaddiema assoċjati matul il-perijodi ta' leave tal-maternità, ta' riskju waqt it-tqala, ta' adozzjoni jew ta' foster care, b'mod indipendenti mis-sistema ta' affiljazzjoni mas-sigurtà soċjali li huma parti minnha, bil-karatteristiċi partikolari li huma speċifiċi għal relazzjoni ta' assoċjazzjoni."

4 — Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110).

17. Skont l-Artikolu 34(8) tal-Istatut tal-Ħaddiema, kif emendat bil-Liġi Organika 3/2007 għall-ugwaljanza effettiva bejn in-nisa u l-irġiel (Ley Orgánica 3/2007 para la igualdad efectiva de mujeres y hombres), tat-22 ta' Marzu 2007 (BOE Nru 71, tat-23 ta' Marzu 2007, p. 12611):

"Il-ħaddiem għandu d-dritt jorganizza t-tul u t-tqassim tal-ħin tax-xogħol tiegħu sabiex irendi effettiv id-dritt tiegħu li jikkonċilja l-ħajja personali, il-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali billi jsegwi l-modalitajiet stabbiliti fil-ftehim kollettiv jew fil-ftehim li wasal għalieh mal-persuna li timpjegah b'osservanza, f'kull każ, tal-istipulazzjonijiet tal-ftehim kollettiv."

2. Il-Liġi organika 3/2007

18. Skont l-Artikolu 44(1) tal-Liġi organika 3/2007:

"Id-dritt li jiġu kkonċiljati l-ħajja personali, il-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali huwa rrikonoxxut għall-ħaddiema taż-żewġ sessi sabiex jiġi inkorraġġut it-teħid ta' responsabbiltà ekwilibrata għar-responsabbiltajiet tal-familja billi tiġi evitata kull diskriminazzjoni bbażata fuq l-eżerċizzju tagħhom."

3. Il-Liġi 36/2011

19. L-Artikolu 139(1)(a) tal-Liġi Nru 36/2011 dwar ir-regolamentazzjoni tal-ġurisdizzjoni soċjali (Ley 36/2011, reguladora de la jurisdicción social), tal-10 ta' Ottubru 2011 (BOE Nru 245, tal-11 ta' Ottubru 2011, p. 106584), jipprovdi:

"1. Il-proċedura għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' konċiljazzjoni bejn il-ħajja personali, il-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, irrikonoxxuti legalment jew permezz ta' ftehim, hija rregolat mir-regoli li ġejjin:

a) il-ħaddiem jiddisponi minn terminu ta' 20 ġurnata, li jibda jiddekorri mill-mument li fih il-persuna li timpjegah tikkommunikalu r-rifjut jew in-nuqqas ta' qbil tagħha fir-rigward tal-proposta li l-ħaddiem ressaq quddiemha, sabiex jippreżenta rikors quddiem il-Juzgado de lo Social.

[...]

Il-persuna li timpjega u l-ħaddiem għandhom jippreżentaw, waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni preċedenti għall-proċess u waqt il-proċess stess, il-proposti tagħhom u xi soluzzjonijiet rispettivi oħra ta' organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, li jista' jkollhom mehmuża magħhom, jekk ikun il-każ, ir-rapporti tal-korpi konġunti jew dwar is-segwiment ta' programmi ta' ugwaljanza tal-impriża sabiex dawn jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni."

4. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kooperattivi

20. L-Artikolu 80 tal-Liġi 27/1999 dwar il-kooperattivi (Ley 27/1999 de Cooperativas), tas-16 ta' Lulju 1999 (BOE Nru 170, tas-17 ta' Lulju 1999, p. 27027), jipprovdi:

"1. Il-kooperattivi tax-xogħol assoċjat huma dawk li għandhom bħala għan li jipprovdu lill-membri tagħhom b'impjieg li huma jeżerċitaw personalment u direttament, part-time jew full-time, permezz tal-organizzazzjoni komuni tal-produzzjoni tal-beni jew tas-servizzi għal partijiet terzi. [...] Ir-relazzjoni tal-membri ħaddiema mal-kooperattiva hija relazzjoni ta' assoċjazzjoni.

[...]

4. Il-membri ħaddiema għandhom dritt, b'mod perjodiku, fi żmien ta' mhux iktar minn xahar, għal ħlasijiet imsejħa avvanzi għall-membri, li jitħallsu mill-profitti tal-kooperattiva, li ma humiex salarji, u li jiddependu fuq il-parteċipazzjoni fl-attività tal-kooperattiva.

5. Il-postijiet tax-xogħol tal-membri ħaddiema u l-membri stess huma suġġetti għall-istandards tas-saħħa u tal-prevenzjoni ta' riskji fuq ix-xogħol, li japplikaw b'teħid inkunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi tar-relazzjoni ta' assoċjazzjoni u ta' ġestjoni indipendenti stabbilita bejn il-membri ħaddiema u l-kooperattiva tagħhom.

[...]"

21. Skont it-termini tal-Artikolu 89(3) tal-Liġi 8/2003 dwar il-kooperattivi tal-Komunità awtonoma ta' Valenzja (Ley 8/2003 de Cooperativas de la Comunidad Valenciana), tal-24 ta' Marzu 2003 (BOE Nru 87, tal-11 ta' April 2003, p. 14308):

"Ir-relazzjoni tal-membri ħaddiema mal-kooperattiva hija relazzjoni ta' assoċjazzjoni u, konsegwentement, l-istatuti tal-kooperattiva, ir-regolament intern jew l-assemblea ġenerali għandhom jistabbilixxu l-istatut professjonali tal-membru, li għandu jirregola minn tal-inqas is-suġġetti li ġejjin:

a) il-forma tal-organizzazzjoni tal-provvista ta' xogħol;

b) il-mobbiltà funzjonali u/jew ġeografika;

c) il-klassifikazzjoni professjonali,

d) ir-regoli dwar festi, vaganzi u leave;

e) it-tul tal-ħin tax-xogħol, ir-rotazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol u l-mistrieħ ta' kull ġimgħa;

f) il-kawżi ta' sospensjoni jew ta' terminazzjoni tal-provvista ta' xogħol;

g) l-avvanzi tal-membri: meta kooperattiva tax-xogħol assoċjat twettaq iktar minn 80 fil-mija tad-dħul mill-bejgħ annwali tagħha minn klijent wieħed jew minn grupp ta' impriżi wieħed, l-avvanz tal-membri ggarantit lill-membru fuq bażi annwali għandu jkun ekwivalenti għas-salarju medju fiż-żona, fis-settur jew fil-kategorija professjonali korrispondenti;

h) id-drittijiet u l-obbligi l-oħra tal-membri li, fir-rigward tal-provvista tax-xogħol, il-kooperattiva tqis li huwa tajjeb li jiġu stabbiliti.

F'kull każ, ir-regolament mill-istatuti tal-kooperattiva tat-tul tal-ħin tax-xogħol, tal-mistrieħ ta' kull ġimgħa, tal-festi, tal-vaganzi, tal-leave u tal-kawżi ta' sospjensjoni jew ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, għandu josserva l-minimi previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kooperattivi.

Permezz ta' deliberazzjoni li tittieħed mill-maġġoranza ta' żewġ terzi, l-assemblea ġenerali tista' temenda l-istatut professjonali.

[...]

Fuq il-punti kollha dwar il-kooperattivi tax-xogħol assoċjat li ma humiex espressament indirizzati mil-liġi preżenti, ir-relazzjoni kooperattiva hija suġġetta, b'mod supplimentari, għad-dispożizzjonijiet previsti dwar dan fil-leġiżlazzjoni statali dwar il-kooperattivi."

5. Ir-regolament intern għall-membri ħaddiema ta' Consum SCV

22. Skont l-Artikolu 14.7 tar-regolament intern ta' Consum Sociedad Cooperativa Valenciana (iktar 'il quddiem "Consum SCV"):

"Il-membru ħaddiem għandu d-dritt li jorganizza t-tul u t-tqassim tal-ħin tax-xogħol tiegħu sabiex irendi effettiv id-dritt tiegħu li jikkonċilja l-ħajja personali, il-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali taħt il-kundizzjonijiet li huwa jistabbilixxi bi ftehim mal-persuna responsabbli għall-unità ta' produzzjoni korrispondenti, bil-kundizzjoni li, fin-nuqqas ta' ftehim, ikun il-Kumitat soċjali li, wara li jisma' liż-żewġ partijiet, jiddeċiedi dwar il-kwistjoni, billi jagħmel sforz sabiex isib soluzzjonijiet li jippermettu li tiġi żgurata n-natura effettiva ta' dan id-dritt."

III – **Il-fatti tal-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

23. Consum SCV hija soċjetà kooperattiva ta' natura polivalenti, irregolata mil-Liġi 8/2003, għandha netwerk ta' iktar minn 450 supermarket. L-għan soċjali tagħha huwa b'mod partikolari li tipprovdi impjieg stabbli f'dan in-netwerk lill-membri ħaddiema tagħha.

24. R. Sánchez hija membru ħaddiem ta' Consum SCV assenjata lit-taqsima "kaxxiera/responsabbli għall-istokk" ta' ċentru kummerċjali. Hija kienet iffirmat ma' Consum SCV, fil-25 ta' Ġunju 2012, kuntratt ta' assoċjazzjoni suġġett għall-istatuti tas-soċjetà u, b'mod partikolari, għar-regolament intern. Ir-ritmu ta' xogħol u l-ħinijiet tagħha kienu, fuq rotazzjoni ta' kull ġimgħa, ix-shift ta' filgħodu mit-Tnejn sas-Sibt (mit-8:00 sat-15:00) u x-shift ta' wara nofsinhar mit-Tnejn sas-Sibt (mit-15:00 sal-22:00), kif ukoll żewġt Iħdud fix-xahar (mit-8:30 sat-15:00).

25. Fid-19 ta' Awwissu 2013, R. Sánchez welldet tarbija. Fit-tmiem tal-leave tal-maternità tagħha, hija ressqet, fis-27 ta' Diċembru 2013, talba inizjali, li hija emendat fil-15 ta' Jannar 2014, li fiha talbet, billi invokat il-kustodja legali tat-tarbija tagħha u billi bbażat ruħha fuq l-Artikolu 37(5) u (6) tal-Istatut tal-Ħaddiema, tnaqqis fil-ħin tax-xogħol tagħha għal 30 siegħa fil-ġimgħa u l-assenjazzjoni tagħha fix-shift ta' filgħodu mid-9:00 sal-15:00, mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Fl-24 ta' Jannar 2014, Consum SCV irrispondiet għal din it-talba billi rrikonoxxiet id-dritt għat-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol. Għall-kuntrarju, hija ma tatx il-ħinijiet tax-xogħol mitluba billi sostniet, b'mod partikolari, li jekk tilqa' din it-talba tkun qiegħda toħloq sitwazzjoni ta' eċċess ta' persunal għax-shiftijiet ta' filgħodu.

26. Fi Frar 2014, R. Sánchez ippreżentat rikors kontra dan ir-rifjut quddiem il-Juzgado de lo Social nº 33 de Barcelona (tribunal industrijali Nru 33 ta' Barcelona). F'Marzu 2014, il-proċedura ġiet sospiża, fuq l-inizjattiva ta' din il-qorti, sabiex tkun tista' tibda proċedura abbażi tal-Artikolu 34(8) tal-Istatut tal-Ħaddiema. B'hekk, R. Sánchez bagħtet talba ġdida lil Consum SCV ibbażata fuq din id-dispożizzjoni u fuq id-dritt tagħha li tikkonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali billi invokat f'dan ir-rigward in-neċessità għaliha li tadatta l-ħin tax-xogħol tagħha mas-sigħat li fihom ikun miftuħ iċ-ċentru ta' kura tat-tfal tat-tarbija tagħha.

27. Consum SCV iddikjarat li kienet taqbel mat-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol iżda la rrispondiet għat-talba għall-bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol u lanqas ma indirizzat l-imsemmija talba lill-Kumitat soċjali previst fl-Artikolu 17(4) tar-regolament intern tagħha.

28. Il-Juzgado de lo Social nº 33 de Barcelona (tribunal industrijali Nru 33 ta' Barcelona) jenfasizza li t-tilwima bejn il-partijiet hija issa limitata għall-kwistjoni tal-bidla eventwali fil-ħinijiet u fir-ritmu tax-xogħol abbażi tal-Artikolu 34(8) tal-Istatut tal-Ħaddiema, peress li t-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol abbażi tal-Artikolu 37(5) ta' dan l-istess statut kien inkiseb. F'dan il-kuntest, dan it-tribunal jistaqsi jekk il-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut jistax jeżerċita influwenza fuq is-soluzzjoni tal-kawża li tressqet quddiemu.

29. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Juzgado de lo Social n° 33 de Barcelona (tribunal industrijali Nru 33 ta' Barcelona), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2014 li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Lulju 2014, iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1. Ir-relazzjoni ta' membru-ħaddiem ta' kooperattiva tax-xogħol assoċjat bħal dik irregolata mill-Artikolu 80 tal-Liġi Spanjola 27/99 dwar il-kooperattivi u mill-Artikolu 89 tal-Liġi 8/2003 dwar il-kooperattivi tal-Komunità Awtonoma ta' Valencia u li, għalkemm hija kklassifikata bħala '[relazzjoni ta' assoċjazzjoni] mil-leġiżlazzjoni u mill-ġurisprudenza nazzjonali, tista' titqies bħala 'kuntratt ta' xogħol' fil-kamp tad-dritt [tal-Unjoni], għandha titqies bħala li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/18 [dwar il-Ftehim Qafas irrevedut], kif iddefinit fil-punt 2 tal-klawżola 1 [ta' dan il-ftehim qafas]?

It-tieni domanda qiegħda ssir b'mod sussidjarju, fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv.

2. [Il-punt 2 tal-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas irrevedut] u, b'mod iktar preċiż, is-silta '[l]-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim m'għandhiex tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' ħarsien mogħti lill-ħaddiema fil-qasam kopert minn dan il-ftehim' għandha tiġi interpretata fis-sens li, fin-nuqqas ta' traspożizzjoni espliċita tad-Direttiva 2010/18 mill-Istat Membru, il-portata tal-protezzjoni ddefinita minn dan l-Istat meta huwa ttraspona d-Direttiva preċedenti 96/34 ma tistax tiġi mnaqqsa?

Huwa biss fil-każ ta' risposta affermattiva għal waħda minn dawn id-domandi u jekk id-Direttiva 2010/18 titqies bħala applikabbli fir-rigward ta' relazzjoni ta' xogħol assoċjat bħal dik tal-konvenuta li jkun iġġustifikat, għar-raġunijiet li ser naraw, li jsiru wkoll id-domandi sussegwenti:

3. Il-klawżola 6 tal-[Ftehim Qafas irrevedut], [inkorporat] fid-Direttiva 2010/18, għandha tiġi interpretata fis-sens li din teħtieġ li r-regola jew il-ftehim nazzjonali intern ta' traspożizzjoni jinkorpora u jespliċita l-obbligi tal-persuni li jimpjegaw li 'jikkunsidraw' u li 'jirrispondu' għat-talbiet tal-ħaddiema tagħhom intiżi sabiex, meta huma jirritornaw minn leave [parentali], huma jkollhom 'tibdil fil-ħinijiet u/jew fl-arranġamenti tax-xogħol tagħhom' filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet tagħhom u dawk tal-ħaddiema, mingħajr [ma t]-traspożizzjoni ma tista' titqies bħala żgurata minn dispożizzjoni interna, leġiżlattiva jew tal-kooperattivi, li tissuġġetta l-implementazzjoni effettiva ta' dan id-dritt, esklużivament, għas-sempliċi għażla diskrezzjonarja tal-persuna li timpjega li [t]ilqa' jew le dawn it-talbiet?

4. Il-klawżola 6 [tal-Ftehim Qafas irrevedut] – ikkunsidrata fid-dawl tal-Artikolu 3 tad-Direttiva [2010/18] u tad-'dispożizzjonijiet finali' li jinsabu fil-Klawżola 8 [ta' dan il-ftehim qafas] – għandha titqies [bħala li] tgawdi, fl-assenza ta' traspożizzjoni, minn effett 'dirett orizzontali' għaliex din hija regola minima [tad-dritt tal-Unjoni]?"

30. Fl-10 ta' Ġunju 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat lill-qorti tar-rinviju talba għal kjarifikazzjonijiet abbażi tal-Artikolu 101 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-qorti tar-rinviju rrispondiet fit-22 ta' Lulju 2015.

31. Consum SCV, il-Gvern Spanjol, dak Franċiż u dak Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Consum SCV, il-Gvern Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni pparteċipaw fis-seduta li saret fit-18 ta' Novembru 2015.

## IV – **Analiżi**

### A – *Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

#### 1. L-applikabbiltà tal-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut

32. Waqt is-seduta, il-Gvern Spanjol qajjem dubju dwar l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari. Huwa jsostni li r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja ma humiex ser ikunu utli għall-qorti tar-rinviju sabiex tiddeċiedi l-kawża li tressqet quddiemha.

##### a) Osservazzjonijiet ġenerali

33. Ir-rinviju preliminari preżenti jirrigwarda l-interpretazzjoni ta' ċertu numru ta' klawżoli tal-Ftehim Qafas irrevedut, li l-ewwel fosthom huwa l-punt 1 tal-klawżola 6 tal-imsemmi ftehim qafas. Fir-rigward ta' din il-klawżola, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk R. Sánchez għandhiex id-dritt li tibbenefika, wara r-ritorn tagħha mil-leave tal-maternità, minn bidla fil-ħinijiet u fir-ritmu tax-xogħol tagħha abbażi tal-Artikolu 34(8) tal-Istatut tal-Ħaddiema. Issa, il-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut ma jirrigwardax il-leave parentali bħala tali, iżda s-sitwazzjoni tal-ħaddiema mar-ritorn tagħhom minn dan il-leave. B'mod iktar preċiż, din il-klawżola tipprevedi eventwali bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol, mhux mar-ritorn mil-leave tal-maternità, bħalma jidher li huwa l-każ ta' R. Sánchez, iżda mar-ritorn mil-leave parentali. Fil-fatt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-kawża prinċipali, hija fformulat it-talbiet tagħha intiżi għat-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol tagħha u għall-bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol tagħha, mhux mar-ritorn tagħha minn leave parentali, iżda mar-ritorn tagħha mil-leave tal-maternità.

34. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ġiet mistiedna mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża, b'mod partikolari, ir-raġunijiet li minħabba fihom hija kkunsidrat li risposta għad-diversi domandi magħmula għadha ta' natura tali li tista' tinfluwenza s-soluzzjoni tal-kawża prinċipali. Fit-tweġiba tagħha, il-qorti tar-rinviju affermat li l-leave tal-maternità huwa l-isem li normalment jingħata fi Spanja lil-leave parentali previst fil-klawżola 2 tal-Ftehim Qafas irrevedut u li l-imsemmi leave tal-maternità jikkostitwixxi forma ta' "leave parentali", miftiehem bħala kawża ta' sospensjoni tal-kuntratt biż-żamma tax-xogħol, f'dan il-każ irregolat mill-Artikolu 48(4) tal-Istatut tal-Ħaddiema dwar il-każijiet ta' twelid [5]. Hija żiedet li r-referenzi tad-deċiżjoni tar-rinviju għal-leave tal-maternità għandhom b'hekk jinftehmu bħala li jinkludu, fit-terminoloġija tad-dritt tal-Unjoni, il-leave parentali. B'hekk, il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkoinċidi mal-ipoteżi ta' ritorn għax-xogħol wara l-"leave parentali" prevista fil-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut, b'tali mod li, minħabba r-raġunijiet esposti fid-deċiżjoni tar-rinviju, risposta għad-domandi preliminari magħmula, b'mod partikolari għall-ewwel tlieta, hija neċessarja sabiex tingħata deċiżjoni fuq it-tilwima fil-kawża prinċipali.

##### b) Evalwazzjoni

35. Infakkar qabel kollox li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex tkun deċiża l-kawża li tkun tressqet quddiemhom [6].

5 — Għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 48(4) tal-Istatut tal-Ħaddiema, imsemmi mill-qorti tar-rinviju fit-tweġiba tagħha għat-talba għall-kjarifikazzjonijiet, jiddisponi li "[*f*]*il każ tat-twelid ta' tarbija*, is-sospensjoni jkollha dewmien ta' sittax-il ġimgħa konsekuttivi, li jittawlu fil-każ ta' twelid multiplu permezz ta' żewġ ġimgħat għal kull wild li jibdew jiżdiedu mit-tieni tarbija [...]". Enfasi miżjuda minni.

6 — Sentenza Stoilov i Ko (C-180/12, EU:C:2013:693, punt 36, u l-ġurisprudenza ċċitata).

Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, il-qorti nazzjonali adita bil-kawża hija, fir-rigward tal-karatteristiċi partikolari tal-kawża, dik li hija fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja [7].

36. Dan ma jbiddilx il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fejn ikun meħtieġ, teżamina ċ-ċirkustanzi li fihom tiġi adita minn qorti nazzjonali sabiex tevalwa jekk għandhiex ġurisdizzjoni u, b'mod partikolari, sabiex tiddetermina jekk l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li qed tintalab għandhiex relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, sabiex b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx qiegħda tagħti opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi [8]. Jekk jidher li d-domanda magħmula hija manifestament irrilevanti sabiex tinstab soluzzjoni għal din it-tilwima, dan ikun ifisser li r-risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima li l-qorti nazzjonali tkun mitluba tiddeċiedi dwarha.

37. Sabiex jiġi evalwat jekk il-preżunzjoni ta' rilevanza li jibbenefikaw minnha t-talbiet għal deċiżjoni preliminari ġietx ikkonfutata, hemm lok, qabel kollox, li jiġi ddeterminat jekk, fil-kawża preżenti, sitwazzjoni bħal dik ta' R. Sánchez taqax fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Ftehim Qafas irrevedut.

38. Consum SCV, il-Gvern Spanjol, kif ukoll il-Kummissjoni kollha jaqblu sabiex jaffermaw li R. Sánchez ma kinitx tinsab fis-sitwazzjoni ta' ritorn mil-leave parentali, iżda f'dik ta' ritorn minn leave tal-maternità.

39. B'mod partikolari, il-Gvern Spanjol sostna waqt is-seduta li l-interpretazzjoni tal-qorti tar-rinviju li fuqha hija bbażata t-tweġiba tagħha għat-talba għal kjarifikazzjonijiet u li tipprovdi li l-Artikolu 48(4) tal-Istatut tal-Ħaddiema jirregola l-leave parentali ma hijiex eżatta. Skont dan il-gvern, din id-dispożizzjoni tirrigwarda, effettivament, il-leave tal-maternità fis-sens tad-Direttiva 92/85. Huwa spjega li l-leave tal-maternità li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 48(4) tal-Istatut tal-Ħaddiema għandu bħala finalità l-protezzjoni tal-kundizzjoni fiżika tal-omm, wara t-tqala u t-twelid, filwaqt li l-leave parentali għandu bħala għan il-konċiljazzjoni bejn il-ħajja personali, tal-familja u professjonali.

40. F'dan ir-rigward, infakkar li fil-kawża li tat lok għas-sentenza Betriu Montull [9], li fiha d-domandi preliminari indirizzati lill-Qorti tal-Ġustizzja kienu jikkonċernaw preċiżament l-Artikolu 48(4) tal-Istatut tal-Ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-leave tal-maternità li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni "għandu jittieħed mill-mument tat-twelid tat-tarbija" [10]. Hija kienet enfasizzat b'mod partikolari, kif kienu indikaw l-Istitut Nazzjonali tas-sigurtà soċjali u l-Gvern Spanjol, li l-Artikolu 48(4) tal-Istatut tal-Ħaddiema "ma jikkonċernax il-leave parentali fis-sens tad-Direttiva 96/34" [11] iżda d-dritt għal-leave tal-maternità fis-sens tad-Direttiva 92/85.

41. Nosserva wkoll li l-qorti tar-rinviju, fit-tweġiba tagħha għat-talba għal kjarifikazzjonijiet mibgħuta mill-Qorti tal-Ġustizzja, ibbażat il-leave inkwistjoni fil-kawża prinċipali fuq l-Artikolu 48(4) tal-Istatut tal-Ħaddiema biss, li, kif jirriżulta mill-punti preċedenti, jirreferi espressament għall-"każijiet ta' twelid". Għaldaqstant, ma nistax neskludi li, b'mod definittiv, din it-tweġiba tal-qorti tar-rinviju tidher li tikkonferma li R. Sánchez ifformulat it-talba tagħha għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol tagħha mar-ritorn minn leave li jingħata lill-omm minħabba t-twelid tat-tarbija li hija kienet tqila biha, li jikkorrispondi, skont id-Direttiva 92/85, għal leave tal-maternità u mhux għal leave parentali.

7 — Sentenza Stoilov i Ko (C-180/12, EU:C:2013:693, punt 37).

8 — Sentenza Stoilov i Ko (C-180/12, EU:C:2013:693, punt 38).

9 — C-5/12, EU:C:2013:571 (punt 46). Din il-kawża, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Direttiva 92/85, kienet tikkonċerna s-sitwazzjoni ta' missier li talab sabiex jibbenefika minn allowance tal-maternità minflok l-omm.

10 — Sentenza Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punti 45 u 46).

11 — Sentenza Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punt 46).

42. Konsegwentement, fl-opinjoni tiegħi, is-sitwazzjoni ta' R. Sánchez ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni kif iddefinit fil-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut.

43. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra li ma hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, xorta rrid nivverifika jekk, kif tissuġġerixxi l-Kummissjoni, xi klawżoli oħra humiex applikabbli għas-sitwazzjoni ta' R. Sánchez, fl-ipoteżi fejn il-leave tal-maternità tagħha kien f'dan il-każ segwit minn leave parentali distint minn dan il-leave tal-maternità.

## 2. L-applikabbiltà ta' klawżoli oħra tal-Ftehim Qafas irrevedut

44. Il-Kummissjoni evokat, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-possibbiltà li t-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol mogħti lil R. Sánchez fuq il-bażi tal-Artikolu 37(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema jikkorrispondi għal waħda mill-forom ta' leave parentali previsti mid-dritt nazzjonali [12]. Din il-possibbiltà, evokata mill-Kummissjoni, kienet is-suġġett, waqt is-seduta, ta' mistoqsija magħmula lill-partijiet interessati. Fit-tweġiba tiegħu, il-Gvern Spanjol, fl-ewwel lok, indika li d-dritt għal-leave parentali, li tagħmel referenza għalih il-klawżola 2 tal-Ftehim Qafas irrevedut, kien diġà żgurat mid-dritt Spanjol fl-Artikolu 46(3) tal-Istatut tal-Ħaddiema. Dan l-artikolu jipprovdi li l-"ħaddiema għandhom id-dritt għal perijodu ta' prolongazzjoni tal-leave li ma jaqbiżx it-tliet snin sabiex jieħdu ħsieb il-wild tagħhom, kemm jekk ikun il-wild bijoloġiku tagħhom, jekk ikun adottat, jew is-suġġett ta' foster care permanenti jew preċedenti għal adozzjoni, anki jekk ikun fostering temporanju, u dan mid-data li fiha jitwieled il-wild, jew, jekk ikun il-każ, tad-deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva". Dan il-leave parentali għandu bħala għan li jikkonċilja r-responsabbiltajiet professjonali u tal-familja tal-ġenituri li jaħdmu (kemm jekk huma rġiel kif ukoll nisa) filwaqt li l-leave tal-maternità għandu bħala għan li jiġu mħarsa s-saħħa tal-omm u r-relazzjonijiet partikolari bejn l-omm u t-tarbija wara t-twelid.

45. Fit-tieni lok, il-Gvern Spanjol ikkonferma li t-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol mogħti lil R. Sánchez fuq il-bażi tal-Artikolu 37(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema jikkorrispondi għal waħda mill-forom ta' leave parentali previst mid-dritt Spanjol sabiex il-ġenituri li jaħdmu (kemm jekk huma rġiel kif ukoll nisa) ikunu jistgħu jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom li għandhom inqas minn tnax-il sena [13].

46. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jekk, kif jikkonferma l-Gvern Spanjol fil-punt preċedenti, R. Sánchez tibbenefika minn modalità ta' leave parentali li tikkonsisti fit-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol tagħha, kwistjoni din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju, nikkunsidra li l-ewwel u t-tieni domandi għandhom jiġu eżaminati. Madankollu, fir-rigward tat-tielet domanda, inqis li, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, din għandha tiġi rriformulata b'mod li ma tiġix eżaminata fir-rigward tal-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut, iżda fir-rigward tal-klawżoli 2 u 3 tiegħu.

## B – *Fuq l-ewwel, it-tieni u t-tielet domandi*

### 1. Fuq l-ewwel domanda

47. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ir-relazzjoni eżistenti bejn membru ħaddiem ta' kooperattiva u din tal-aħħar tikkostitwixxix kuntratt ta' xogħol jew relazzjoni ta' xogħol fis-sens tal-punt 2 tal-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas irrevedut, b'tali mod li din ir-relazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija atti.

12 — Ara l-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet.

13 — Skont l-Artikolu 37(5) tal-Istatut tal-Ħaddiema, kif emendat bl-Artikolu 1(4) tad-Digriet Leġiżlattiv Irjali 16/2013, li jistabbilixxi miżuri li jiffavorixxu l-impjieg stabbli u jtejbu l-impjegabbiltà tal-ħaddiema (Real Decreto-ley 16/2013, de medidas para favorecer la contratación estable y mejorar la empleabilidad de los trabajadores), tal-20 ta' Diċembru 2013 (BOE Nru 305, tal-21 ta' Diċembru 2013, p. 103148).

48. Infakkar li l-qorti tar-rinviju qiegħda tagħmel din id-domanda minħabba l-istatus ta' membru ħaddiem ta' R. Sánchez. Sabiex tingħata risposta utli għal din id-domanda għandhom jiġu eżaminati, qabel kollox, minn naħa, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-Ftehim Qafas irrevedut kif iddefinit mill-punt 2 tal-klawżola 1 ta' dan il-ftehim qafas u, min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza rilevanti.

49. F'dak li jikkonċerna l-applikabbiltà *ratione personae* tal-Ftehim Qafas irrevedut, infakkar li dan juża t-termini "ħaddiema", "kuntratt ta' xogħol" u "relazzjoni ta' xogħol" mingħajr ma jiddefinihom b'mod speċifiku. Minn naħa, kif jirriżulta mill-kliem stess tal-punt 2 tal-klawżola 1 ta' dan il-ftehim qafas, il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huwa fformulat b'mod wiesa', u jkopri b'mod ġenerali lill-"ħaddiema kollha […] li għandhom kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' xogħol kif definit mil-liġi, [minn] ftehim kollettiv jew [minn] prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru"[14]. Min-naħa l-oħra, il-premessa 15 tiegħu tiddisponi li l-imsemmi ftehim qafas "huwa ftehim qafas li jistabbilixxi rekwiżiti minimi u dispożizzjonijiet għal-leave tal-ġenituri, kif distint mil-leave tal-maternità, [...] u jirreferi lura għall-Istati Membri u l-imsieħba soċjali għat-twaqqif ta' kondizzjonijiet għall-aċċess u modalitajiet ta' applikazzjoni biex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni f'kull Stat Membru".

50. Mill-perspettiva tal-ġurisprudenza, għandha ssir referenza għall-kawża li tat lok għas-sentenza O'Brien[15], li kienet tirrigwarda l-Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time anness mad-Direttiva 97/81/KE[16] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas dwar ix-xogħol part-time"). Din il-kawża kienet tirrigwarda Mħallef part-time rremunerat fuq il-bażi ta' onorarji ta' kuljum li kien qiegħed isostni li kien intitolat għal pensjoni abbażi tal-attività tiegħu li, skont id-dritt nazzjonali, ma kellux dritt għaliha.

51. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabel kollox li l-kunċett ta' "ħaddiem" fid-dritt tal-Unjoni ma huwiex inekwivoku iżda jvarja skont il-qasam ta' applikazzjoni inkwistjoni[17]. Madankollu, hija ppreċiżat li s-"setgħa ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri bid-Direttiva 97/81 sabiex jiddefinixxu l-kunċetti użati fil-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time ma h[ij]iex illimitat[a]" u li "ċerti frażijiet użati f'dan il-Ftehim Qafas jistgħu jiġu ddefiniti b'konformità mad-dritt u/jew il-prattiki nazzjonali bil-kundizzjoni li l-[effettività] ta' din id-direttiva u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni jiġu osservati"[18]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "mill-ħtieġa li jiġi ssalvagwardjat l-effett utli [effettività] tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit bl-imsemmi Ftehim Qafas jirriżulta li tali esklużjoni tista' tiġi aċċettata biss, sakemm ma titqiesx bħala arbitrarja, jekk in-natura tar-relazzjoni ta' impjieg inkwistjoni hija sostanzjalment differenti minn dik li torbot mal-persuni li jimpjegawhom, l-impjegati li skont id-dritt nazzjonali jaqgħu taħt il-kategorija tal-ħaddiema"[19].

52. Fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni sostniet, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li t-termini tal-punt 1 tal-klawżola 2 tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time[20] huma analogi għal dawk tal-punt 2 tal-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas irrevedut u li, fiż-żewġ każijiet, l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li jistabbilixxi kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ġenerali.

53. Naqbel ma' din l-analiżi.

14 — Fir-rigward tal-Ftehim qafas dwar il-leave parentali anness mad-Direttiva 96/34, ara, b'analoġija, is-sentenza Chatzi (C-149/10, EU:C:2010:534 punt 29).

15 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110).

16 — Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 267).

17 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 34).

19 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 42).

20 — Skont it-termini tal-punt 1 tal-klawżola 2 tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time, dan il-ftehim qafas "japplika għal ħaddiema part-time li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' mpjieg kif definiti mil-liġi, mill-ftehim kollettiv[i] jew skond il-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru".

54. Konsegwentement, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet, is-setgħa diskrezzjonali li għandhom l-Istati Membru meta jiddefinixxu l-kunċetti li jintużaw fil-Ftehim Qafas irrevedut ma hijiex illimitata, peress li dawn il-kunċetti jistgħu jiġu ddefiniti b'konformità mad-dritt nazzjonali u/jew mal-prattiki nazzjonali "bil-kundizzjoni li l-[effettività] [tad-Direttiva 2010/18] u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni jiġu osservati"[21]. Kif irrilevat ġustament il-Kummissjoni, minn dan jirriżulta wkoll li n-neċessità li tiġi żgurata l-effettività tad-Direttiva 2010/18 u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit mill-Ftehim Qafas irrevedut timplika li esklużjoni tal-membri ħaddiema mill-kamp ta' dan tal-aħħar ma tistax tiġi aċċettata ħlief jekk ir-relazzjoni li torbothom ma' Consum SCV hija, min-natura tagħha, sostanzjalment differenti minn dik li torbot mal-persuni li jimpjegawhom lill-impjegati li, skont id-dritt nazzjonali, jaqgħu fil-kategorija ta' ħaddiema, li hija kwistjoni li fl-aħħar mill-aħħar għandha tiġi eżaminata mill-qorti tar-rinviju[22]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tindika lill-qorti tar-rinviju xi prinċipji u kriterji li din għandha tieħu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tagħha[23].

55. F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-każ ta' membri ħaddiema ta' kooperattiva, bħalma huwa l-każ fil-kawża prinċipali, ma hemm l-ebda dubju li l-provvista ta' xogħol titwettaq fil-kuntest ta' rabta ta' subordinazzjoni u ta' dipendenza u bħala korrispettiv għal remunerazzjoni[24]. Il-qorti tar-rinviju tindika li r-regoli dwar ix-xogħol li jinsabu fil-Kapitolu II tar-regolament intern ta' Consum SCV huma fil-parti l-kbira tagħhom identiċi għal dawk applikabbli għall-ħaddiema impjegati abbażi tal-Istatut tal-Ħaddiema. Fil-fatt, għal numru kbir minn dawn is-suġġetti, ir-regolament intern ta' Consum SCV jirriproduċi litteralment it-test tal-Istatut tal-Ħaddiema. Nirrileva, bħalma għamlet il-qorti tar-rinviju, li din l-identità tar-regoli tirrigwarda b'mod partikolari s-salarji jew l-avvanzi, it-tul tal-ħin tax-xogħol, il-leave imħallas, id-disponibbiltajiet, is-sospensjoni tal-kuntratt jew il-vaganzi.

56. Fl-opinjoni tiegħi, dawn il-konstatazzjonijiet ma ddaħħlux inkwistjoni mill-argument imressaq minn Consum SCV u mill-Gvern Spanjol fis-sens li l-membru ħaddiem ma jirċevix remunerazzjoni iżda avvanzi jew dividendi fuq il-profitti soċjali tal-kooperattiva u ma jaħdimx taħt id-direzzjoni ta' parti terza iżda jipparteċipa fil-ġestjoni tal-kooperattiva.

57. Barra minn hekk, kif jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-leġiżlatur Spanjol, waqt it-traspożizzjoni fid-dritt Spanjol tal-ewwel Ftehim Qafas fuq il-leave parentali anness mad-Direttiva 96/34 kien espressament wessa' l-applikazzjoni tad-drittijiet ġodda ta' konċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u tal-ħajja tal-familja għall-"membri ħaddiema jew ħaddiema assoċjati f'kooperattivi".

58. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-kwistjoni ta' jekk ir-relazzjoni eżistenti bejn membru ħaddiem ta' kooperattiva u din tal-aħħar tikkostitwixxix kuntratt ta' xogħol jew relazzjoni ta' xogħol fis-sens tal-punt 2 tal-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas irrevedut, b'tali mod li din ir-relazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija atti, għandha tiġi deċiża permezz tad-dritt nazzjonali, bil-kundizzjoni li dan ma jwassalx sabiex din il-kategorija ta' persuni tiġi eskluża b'mod arbitrarju mill-benefiċċju tal-protezzjoni offerta mid-Direttiva 2010/18 u mill-Ftehim Qafas irrevedut. Esklużjoni mill-benefiċċju ta' din il-protezzjoni tista' tiġi aċċettata biss jekk ir-relazzjoni li tgħaqqad lill-membri ħaddiema mal-kooperattiva hija, min-natura tagħha, sostanzjalment differenti minn dik li torbot mal-persuni li jimpjegawhom lill-impjegati li, skont id-dritt nazzjonali, jaqgħu fil-kategorija ta' ħaddiema.

21 — Ara, b'analoġija, is-sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 34).

22 — Ara, b'analoġija, is-sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 43).

23 — Sentenza O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 43). Ara wkoll is-sentenza Patriciello (C-163/10, EU:C:2011:543, punt 21).

24 — F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li s-sempliċi kwalità ta' membru ħaddiem ta' R. Sanchez ma tistax teskludi l-eżistenza veritabbli ta' "relazzjoni ta' xogħol" bejn il-partijiet. Hija tenfasizza li Consum SCV għandha madwar 9 000 membri ħaddiema oħra.

2. Fuq it-tieni domanda

59. Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda preliminari, inqis li ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

3. Fuq it-tielet domanda

60. Qabelxejn, huwa meħtieġ li jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li tkun tressqet quddiemha. F'din il-perspettiva, jekk ikun meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha[25]. Konsegwentement, anki jekk, formalment, il-qorti tar-rinviju llimitat it-tielet domanda tagħha għall-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-klawżola 6 tal-Ftehim Qafas irrevedut, tali ċirkustanza ma tipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdilha l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, kemm jekk din il-qorti tkun irreferiet għalihom fid-domandi tagħha kif ukoll jekk ma tkunx għamlet dan. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-kumpless tal-elementi pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti ta' dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża[26].

61. Fil-kawża preżenti, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa utli li tingħata risposta għat-tielet domanda, fl-opinjoni tiegħi, minħabba r-raġunijiet esposti fil-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-imsemmija domanda għandha tiġi fformulata mill-ġdid b'mod li tiġi eżaminata fir-rigward tal-klawżoli 2 u 3 tal-Ftehim Qafas irrevedut, u mhux tal-punt 1 tal-klawżola 6, u dan sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju.

62. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li din id-domanda preliminari tinftiehem bħala li hija intiża, essenzjalment, sabiex isir magħruf jekk il-klawżoli 2 u 3 tal-Ftehim Qafas irrevedut jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi leave parentali taħt il-forma ta' tnaqqis fil-ħin tax-xogħol flimkien mad-dritt għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol fil-kuntest tal-ħinijiet tax-xogħol ordinarji, iżda li tissuġġetta l-implementazzjoni ta' din l-organizzazzjoni differenti mill-ħinijiet tax-xogħol ordinarji għall-modalitajiet stabbiliti fl-istipulazzjonijiet tal-ftehim kollettiv.

63. Qabel kollox, sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, ser nippreżenta l-kuntest li tagħmel parti minnu d-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-Artikolu 34(8) tal-Istatut tal-Ħaddiema[27].

64. Il-Gvern Spanjol isostni li r-riforma tal-Istatut tal-Ħaddiema, imwettqa mil-Liġi 39/1999, li tittrasponi fid-dritt Spanjol l-ewwel Ftehim qafas dwar il-leave parentali anness mad-Direttiva 96/34, introduċiet id-dritt għat-tnaqqis fil-ħin tax-xogħol u għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol fl-Artikolu 37(5) u (6) tal-Istatut tal-Ħaddiema. Din il-bidla l-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol għandha madankollu titwettaq fil-kuntest tal-ħinijiet tax-xogħol ordinarji[28]. Skont dan il-gvern, dan l-artikolu huwa applikabbli għall-persuni kollha li jieħdu ħsieb wild minuri, indipendentement minn jekk dan il-ħaddiem irritornax jew le minn leave tal-maternità jew minn leave parentali, peress li jirrikonoxxi dritt awtonomu.

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punt 40).

26 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Betriu Montull (C-5/12, EU:C:2013:571, punt 41).

27 — Dwar l-aħħar emenda tal-Artikolu 34(8) tal-Istatut tal-Ħaddiema, ara l-Liġi 3/2012, tas-6 ta' Lulju 2012 (BOE Nru 162, tas-7 ta' Lulju 2012, p. 49113).

28 — Mill-Artikolu 37(6) tal-Istatut tal-Ħaddiema jirriżulta li l-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol konkreti u d-determinazzjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni tat-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol, previst fil-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, jaqgħu fuq il-ħaddiem "fil-kuntest tal-ħin tax-xogħol ordinarju tiegħu".

65. Fir-rigward tad-dispożizzjoni inkwistjoni, il-Gvern Spanjol iżid li l-Liġi organika 3/2007 introduċiet, fl-Artikolu 34 tal-Istatut tal-Ħaddiema, punt 8 li jirrigwarda l-adattament tat-tul u tat-tqassim tal-ħin tax-xogħol lil hinn mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 37(5) u (6) tal-Istatut tal-Ħaddiema. Madankollu, dan l-adattament ma huwiex marbut mal-kura ta' minuri u huwa suġġett għal ftehim kollettiv jew għal ftehim konkluż mal-imprenditur b'osservanza ta' dan il-ftehim. Skont dan il-gvern, bħall-Artikolu 37(5) u (6) tal-Istatut tal-Ħaddiema li jirrikonoxxi d-dritt tal-ħaddiema għal tnaqqis fil-ħin tax-xogħol fil-kuntest tal-ħinijiet tax-xogħol ordinarji, l-Artikolu 34(8) ta' dan l-Istatut jirrikonoxxi d-dritt tal-ħaddiema sabiex jitolbu bidliet fit-tul tal-ħin tax-xogħol differenti mill-ħinijiet tax-xogħol ordinarji, mingħajr madankollu ma jirrikonoxxi d-dritt li tinkiseb din il-bidla. Il-finalità ta' din id-dispożizzjoni hija li tiffaċilita l-konċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet professjonali u tal-familja tal-ħaddiema billi tirrikonoxxi l-possibbiltà li tintalab bidla fl-organizzazzjoni tat-tul u tat-tqassim tal-ħin tax-xogħol tagħhom lil hinn mid-dritt irrikonoxxut mill-Artikolu 37 tal-Istatut tal-Ħaddiema.

66. Nosserva wkoll li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Liġi 3/2012 introduċiet fl-Artikolu 34(8) tal-Istatut tal-Ħaddiema t-tieni subparagrafu li jipprovdi li "hemm lok li jiġi promoss l-użu ta' ġurnata kontinwa, ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli jew ta' metodi oħra ta' organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol li jippermettu kompatibbiltà ikbar bejn, minn naħa, id-dritt ta' konċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, tal-ħajja tal-familja u tal-ħajja professjonali u, min-naħa l-oħra, it-titjib tal-produttività fl-impriżi".

67. Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi li għandha tiġi eżaminata t-tielet domanda preliminari.

68. Skont il-punt 1 tal-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas irrevedut, dan huwa intiż sabiex jiffaċilita r-"rikonċiljazzjoni tar-responsabbilitajiet tal-ġenituri u dawk professjonali għall-ġenituri li jaħdmu". Bl-istess mod, mill-punt 1 tal-klawżola 2 ta' dan il-ftehim qafas jirriżulta li l-leave parentali għandu l-għan li joffri lill-ġenituri l-possibbiltà li jieħdu ħsieb il-wild tagħhom. Din il-klawżola tiddisponi b'mod speċifiku li dritt individwali għal leave parentali huwa mogħti lill-"ħaddiema rġiel u dawk nisa".

69. Il-premessa 24 tal-imsemmi ftehim qafas tippreċiża li "l-imsieħba soċjali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex isibu soluzzjonijiet li jaqblu mal-bżonnijiet kemm ta' min iħaddem kif ukoll tal-ħaddiema u għalhekk għandu jkollhom rwol speċjali fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fil-valutazzjoni ta' dan il-ftehim". Fil-fatt, il-punt 1 tal-klawżola 3 ta' dan il-ftehim qafas jistabbilixxi li l-"kondizzjonijiet tal-aċċess u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-leave tal-ġenituri għandhom ikunu definiti mil-liġi u/jew bi ftehim kollettiv fl-Istati Membri, sakemm ir-rekwiżiti minimi ta' dan il-ftehim ikunu mħarsa" [29].

70. F'din il-perspettiva, kif tirrileva ġustament il-Kummissjoni, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali sabiex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal-leave parentali u l-modalitajiet tal-applikazzjoni tiegħu ma hijiex illimitata. Fil-fatt, huma għandhom josservaw l-għan u l-finalità stess tal-leave parentali, kif stabbiliti fil-Ftehim Qafas irrevedut.

71. Madankollu, Stat Membru ma jaqbiżx tali marġni billi jipprevedi fil-leġiżlazzjoni tiegħu, bħal fil-kawża preżenti, tip ta' leave parentali li jikkonsisti fit-tnaqqis tal-ħin tax-xogħol fil-kuntest tal-ħinijiet ordinarji tal-ħaddiema filwaqt li jirrikonoxxi madankollu għal dawn tal-aħħar il-possibbiltà li jifformulaw talbiet għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol lil hinn mill-imsemmi qafas, mingħajr madankollu ma jirrikonoxxi dritt sabiex tinkiseb din il-bidla u mingħajr ma jistabbilixxi l-modalitajiet tal-organizzazzjoni, li huma suġġetti għall-ftehim kollettiv jew għall-ftehim konkluż mal-imprenditur b'osservanza ta' dan il-ftehim.

29 — Ara wkoll il-premessa 15 tal-Ftehim Qafas irrevedut.

72. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għat-tielet domanda preliminari għandha tkun li l-klawżoli 2 u 3 tal-Ftehim Qafas irrevedut ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi leave parentali fil-forma ta' tnaqqis fil-ħin tax-xogħol flimkien ma' dritt għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol fil-kuntest tal-ħinijiet tax-xogħol ordinarji iżda li tissuġġetta l-implementazzjoni ta' organizzazzjoni li tmur lil hinn mill-ħinijiet tax-xogħol ordinarji għall-modalitajiet previsti fl-istipulazzjonijiet tal-ftehim kollettiv.

## V – **Konklużjoni**

73. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari tal-Juzgado de lo Social nº 33 de Barcelona (tribunal industrijali Nru 33 ta' Barcelona) kif ġej:

1) Il-kwistjoni ta' jekk ir-relazzjoni eżistenti bejn membru ħaddiem ta' kooperattiva u din tal-aħħar tikkostitwixxix kuntratt ta' xogħol jew relazzjoni ta' xogħol fis-sens tal-punt 2 tal-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri [leave parentali], anness mad-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, tat-8 ta' Marzu 2010, li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri [leave parentali] konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE, b'tali mod li din ir-relazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija atti, għandha tiġi deċiża permezz tad-dritt nazzjonali, bil-kundizzjoni li dan ma jwassalx sabiex din il-kategorija ta' persuni tiġi eskluża b'mod arbitrarju mill-benefiċċju tal-protezzjoni offerta minn din id-direttiva u minn dan il-ftehim qafas. Esklużjoni mill-benefiċċju ta' din il-protezzjoni tista' tiġi aċċettata biss jekk ir-relazzjoni li tgħaqqad lill-membri ħaddiema mal-kooperattiva hija, min-natura tagħha, sostanzjalment differenti minn dik li torbot mal-persuni li jimpjegawhom lill-impjegati li, skont id-dritt nazzjonali, jaqgħu fil-kategorija ta' ħaddiema.

2) Il-klawżoli 2 u 3 tal-imsemmi ftehim qafas ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi leave parentali fil-forma ta' tnaqqis fil-ħin tax-xogħol flimkien ma' dritt għal bidla fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol fil-kuntest tal-ħinijiet tax-xogħol ordinarji iżda li tissuġġetta l-implementazzjoni ta' organizzazzjoni li tmur lil hinn mill-ħinijiet tax-xogħol ordinarji għall-modalitajiet previsti fl-istipulazzjonijiet tal-ftehim kollettiv.